MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

## MAGISTRATE DOREEN CLARKE

Sitting of the 3 rd March, 2009

Number. 185/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 185/2009**

Illum, 3 ta' Marzu 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi;

Omissis

Akkuzat talli f'l-Msida ghal-habta ta' nofs il-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Marzu, 2009 bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` serq mill-Automated Dispenser Machine ta' 'Regional Service

Station' li tinsab fi Triq Regjonali, l-Imsida, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jiskorri 2,329.37 Euro, u dan ghad-detriment ta' Emanuel Falzon u/jew persuni ohra.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema b'l-abbuz tad-droga u huwa lest jibda jindirizza din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

In oltre l-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------